# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**


30 ta' Mejju, 2011

## Minuti tal-laqgha 56(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 56(05) fil-Berga ta' Franza nhar it-Tnejn 2 ta' Mejju, 2011 fil-5:30 ta' filghaxija.

### Prezenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera, s-Sur Ivan Peresso - Kunsillier u s-Sinjura Judith Saliba – Kunsilliera.

Il- Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar kien assenti.
.

### Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgha 56 (05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.9 (55/05) Tindif tal-Latrini Pubblici

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-latrini pubblici qed jigu manddfa min haddiem assenjat mal-Kunsill mil-ETC. Is-Sindku zied jghid li l-latrini qed ikunu nodfa hafna, kif ukoll li dawk li jinsabu fil-post maghruf bhala t-toqba qed jigu mnaddfa ukoll mil-barman tar-Regatta Club.

1.2 Item 1.10 (55/05) Decizjoni dwar it-tender ghal knis u tindif tat-toroq

Is-Sindku s-sur John Boxall, Sindku, qal li l-Kunsill ghadu qieghed jistenna risposta mil-bord ta' l-appell fid-Dipartiment tal-Kuntratti

1.3 Item 2.6 (55/05) Approvazzjoni mit-"Traffic Management Unit" biex parti minn Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur issir pedonali.

Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ircieva l-approvazzjoni minghand il-Perit David Vassallo, Direttur tat-Traffic Management Unit, fi hdan l-Awtorita tat-trasport sabirx parti min Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, l-parti li tinsab fi stat originali biz-zonqor qawwi, issir pedonali.

1.4 Item 2.8 (55/05) Public Private Partnership

Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li t-tender ghar-*resurfacing* tat-toroq taht il-*Public Private Partnership* ghalaq u sfortunatament hadt m'applika u ghaldaqstant kellhu jerga' jinhareg u ser jghalaq fi 18 ta' Mejju, 2011

1.5 Item 4 (55/05) Suq ta' haxix u frott fil-Birgu

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva kellhom laqgha ma' Dr. Karl Vella, avukat tal-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, kif ukoll mas-Sur Anton Vella, *Policy Co-Ordinator,* fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi, fejn gie diskuss l-attivita tal-*Farmers' Market* , kif ukoll l-attivita ta' "The Malta Artisan Market", organizzat mis-sinjura Lisa Grech. Is-Sindku qal li sabiex il-*Farmers' Market* issir fi Triq it-Torri ta' San Gwann, irid jigi approvat mil-Gvern u jitnizzel f'Avviz Legali. Barra min hekk, is-Sindku nforma lil Kunsill li hemm il-possibilita li l-attivita organizzata mis-Sinjura Lisa Grech, issir f'Couvre Porte minflok fl-area tal-Grand Harbour Marina, minhabba xi permessi li hemm bzonn li wiehed jikseb f'din l-area.

## 2. Korrispondenza

2.1 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jibbenifika mill-iskema mahruga mil-Awtorita tad-Djar ghal manutenzjoni fil-binjiet tal-Gvern, fejn ghas-sena 2011, ser ikunu zewg blokki tal-gvern li ser jibbenifikaw min din l-iskema. Is-Sur John Boxall, Sindku, zied jghid li ghal kull binja hemm allokat l-ammont ta' € 5,000 ghal xoghlijiet fil-komun. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex ghal din is-sena jsiru xoghlijiet fuq Blokk E, Entratura B Triq Mons. Pawlu Galea u fuq Blokk 2 fi Triq il-Mandragg u Triq l-Antika. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Is-Sindku s-sur John Boxall, pprezenta ittra mibghuta lid-Direttur tal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-ilma minghand is-Sur Tonio Hili, Chief Executive tal-Cottonera Waterfront

Group, dwar il-problema tal-hrug tad-dranagg fi Triq il-Habs l-Antik. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill jaqbel ma' l-ittra li ntbghatet u ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghti l-ghajnuna tieghu ghal din il-problema.

2.3 Is-Sindku pprezenta ilment li l-Kunsill ircieva minghand resident sabiex quddiem id-dar numru 88, fi tarf ta' Triq Hilda Tabone, issir sleeping policeman. Dwar dan kien hemm qbil unanimu li din issir.

2.4 Is-Sur John Boxall Sindku pprezenta *draft proposal* li gie pprezentat mil-*Grand Harbour Marina*, fejn qed jissugerixxu sabiex fil-Vittoriosa Marina, tigi ntrodotta *bollard system*. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti unanimament qablu ma'din il-proposta.

2.5 Korrispondenza minghand is-Sur Massimo Ellul, li nqrat waqt il-laqgha tal-Kunsill, fejn filwaqt li gie nnutat il-kontenut ta' din l-ittra, u li filwaqt li specifikament gie kkwotat li ghalkemm l-Assocjazzjoni tal-Guinness World Record rrikonoxxit li dak li ghamel il-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu jitqies bhala "World Record Breaker" bhala " Most number of candles lit in a fortified medieval City", izda min-naha l-ohra, m'ghandux jitqies bahal "Guiness World Record". Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li ghandha tissejah laqgha ghal helpers kollha u tigi pprezentata din l-ittra u tinghata kopja lil dawk kollha li jitolbuha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Talba minghand is-sinjorina Bernice Buhagiar fejn wara s-success li kellha mil-esebizzjoni tal-pittura taghha "Emerging", qed titlob sabiex ittella' esebizzjoni ohra fi zmien l-attivita tal-Birgufest 2011. Wara diskussjoni, il-Kunsill unanimament iddecieda sabiex jilqa' din it-talba biss jitlob lis-sinjorina Buhagiar li bhala donazzjoni tinghata wahda mil-pittura taghha, relatata mal-Belt tal-Birgu, impittra fuq l-istess materjal li jintuza ghal kumpliment tal-bicciet esebiti, jew inkella donazzjoni ta' €200

2.7 Talba minghand is-Sur Frank Micallef, sid id-dar numru 45, Triq Hilda Tabone, Birgu, fejn talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex issir *"change of use"* ghal class 6 permit. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu japprova din it-talba u jaghti l-approvazzjoni tieghu ghal kuncett li pprezenta s-sur Frankie Micallef. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Ta' min jghid li s-Sur Micallef intalab jaghti spjegazzjoni lil Kunsill fejn iltaqa' personalment fejn gew iccarati il-punti kollha qabel il-Kunsill seta' jiddeciedi.

2.8 Is-Sindku pprezenta korrispondenza minghand is-Sur Alexis Callus, fejn nforma lil Kunsill li nhar il-Gimgha 3 ta' Gunju, 2011, ser jittella' kuncert mil-Kor Svediz "Sollentuna Gosskor" fil-Knisja Parrokjali ta' San Lawrenz, fi 6:30 ta' filghaxija. Is-Sindku zied jghid li din l-attivita ser issir taht il-patrocinju ta' l-E.T. President ta' Malta, Dr. George Abela u qed jigi mitlub li din l-attivita tittella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku zied jghid li s-Sur Callus talab li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jhallas t-trasport provdut ghal din l-attivita u jaghti souvenir lil dan il-grupp bhala tifkira. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill jilqa' din it-talba, izda importanti li fl-inviti jitnizzel li din l-attivita ttelghet bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Is-Sindku, s-Sur John Boxall, ipprezenta ittra mibghuta lis-Sur Tonio Hili, Chief Executive tal-Cottonera Waterfront Group, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu talab lil dan il-konsorzju ghajnuna finanzjarja ghar-restawr ta' wahda mis-swali tal-Berga ta' Franza.

2.10 Kwotazzjoni minghand is-Sur Justin Camilleri, ghar-reklamar fuq il-mowbajl, "MobileAds" sabiex il-Kunsill jirreklama l-attivita tal-Birgufest ghal prezz ta' € 100 ghal 2500 *clicks*. Wara diskussjoni, is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Ittra minghand is-Sur Mark Causon, ghan-nom tal-Kumpanija "Europe Direct", dwar progett "Energy Efficient Internal Transport Modes", iffinanzjat taht is-sejha IEE. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill wera l-interess tieghu sabiex jippartecipa f'dan il-progett. Dawk prezenti qablu ma'dak li gie propost mis-Sindku unanimament.

2.12 Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta ittra mibghuta lil Perit Hermann Bonnici, sabiex jinghata permess lil Kunsill Lokali tal-Birgu biex fuq il-mina li qed tinbena fi Triq Pawlu Boffa, jitwahhal arblu ta' l-injam ta' erbghin pied biex fuqu titella' bandiera tal-qies tnax-il pied bi tmintax-il pied.

2.13 Ittra minghand is-sinjura Claudette Baldacchino dwar il-partecipazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu fil-programm konfini ghal prezz ta' € 1000. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja li l-istess Kunsill jinsab fiha jkun ahjar li ma jippartecipax. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.14. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill gie avvicinat mis-sinjura Almudena Garcia, ghan-nom tar-Regjun ta' Abruzzo, fl-Italja sabiex l-istess Kunsill jissieheb fil-progett "MED Cities, Cities for the senses" taht il-programm MED. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill Lokali tal-Birgu wera interess li jippartecipa f'dan il-progett. Dawk prezenti qablu unanimament ma' dak li kien gie ssugerit mis-Sindku.

2.15 Is-Sindku s-sur John Boxall, nforma lil Kunsill, li s-sur Marc Zimmerman, l-persuna li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien appunta bhala *project manager* ghax-xoghlijiet tal-Berga ta' Franza, nforma lil Kunsill li peress li hu dam ma thallas aktar min 260 gurnata, skond ir-regoli Ewropej, il-Kunsill Lokali tal-Birgu irid ihallas € 139.97 bhala interessi. Wara diskussjoni, l-Kunsill unanimament qabel sabiex dan il-pagament isir.

2.16 Is-Sindku pprezenta proposta minghand il-Kumpanija "Online Media Executive" sabiex jingibed 360 *virtual tour* ta' 8 siti fil-Birgu biex jitpoggew fuq is-sit tal-Kunsill ghal prezz ta' € 250, bi € 25 kull *extra shot*. Is-Sindku zied jghid li dan l-ammont ikopri, *shooting*, *editing*,kif ukoll 3 snin *hosting*. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex japprova din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3 Approvat il-permess tal-Gnien Pubbliku Fuq tal-Hawli

Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta korrispondenza mibghuta mis-sinjura Marie Portelli ghan-nom tal-KNPD, fejn nfurmaw lil Kunsill li l-progett tal-Gnien Pubbliku fuq tal-Hawli, kien approvat min-naha taghhom. Is-Sindku zied jghid li l-MEPA trid taghti l-approvazzjoni taghha fuq ir-rakkomendazzjonijiet tal-KNPD.
Hawnhekk is-Sindku zied jghid li l-Awtorita tad-Djar ukoll approvat dan il-progett taht l-iskema "Nsahhu l-komunita, rigenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern", fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jibbenifika mil-ammont ta' € 75,000 ghal dan il-progett. Inkluz f'dan il-progett, hemm ukoll € 4,500 ghal korsijiet edukattivi. Is-Sindku zied jghid lid an il-progett irid ikun lest sa Dicembru, 2011

## 4 Decizjoni dwar l-uzu tas-Sala Nobile fil-Berga ta' Franza

Is-Sur John Boxall, Sindku tah rendikont tax-xoghlijiet li qeghdin isiru fil-Berga ta' Franza u nforma lil Kunsilliera li x-xoghlijiet ta' restawr fis-*Sala Nobile* jinsabu lesti. Wara diskussjoni, l-Kunsill tah l-fakulta lis-Sindku u lis-Segretarja Ezekuttiva japprovaw l-uzu tas-*Sala Nobile* fil-Berga ta' Franza.

## 5 Decizjoni dwar it-tender ta' provvediment ta' servizz ta' Perit u *Interior Designer* ghal xoghlijiet fuq is-sit storiku tal-Berga ta' Franza

Is-Sindku qal li t-tender ta' provvediment ta' servizz ta' Perit u *Interior Designer* ghal xoghlijiet fuq is-sit storiku tal-Berga ta' Franza kien ghalaq fil-25 t'April u ghal din l-offerta applikaw :

- Chris Briffa Architects ghal prezz ta' € 47,000
- MED Design Associates ghal prezz ta' € 46,610
- Mario Cassar Incorporated Design ghal prezz ta' € 48,970
- Design and Technical Resources Ltd. ghal prezz ta' € 49, 560

Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex dawn l-offerti mibghuta jigu diskussi mal-Perit Mark John Scicluna u l-Perit Claude Busuttil li kontinwament qed jahdmu fuq il-progett tal-Berga ta' Franza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 6 Approvazzjoni tal-budget ghas-sena finanzjarja 2011

Il-Kunsilliera Miriam Grech issugerit li nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju, 2011, fil-5:30 ta' filghaxija tigi msejha laqgha tal-finanzi fejn ghalija jkun hemm prezenti l-accountant is-Sur Joseph Bezzina. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 7 Approvazzjoni tal-membri tas-sotto Kumitat ghal attivitajiet ta' Jum il-Birgu, 2011

Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill japprova lis-Sur Karmenu Scicluna, lis-Sur Franco Scicluna, lis-Sur Alfred Debattista, lis-Sur Lauro Abela, lis-Sur Lawrence V. Farrugia, u lis-Sur Anton Attard, bhala membri fis-sotto Kumitat ghal attivitajiet ta' Jum il-Birgu 2011. Dwar dan kien

hemm qbil uannimu. Is-Sindku fakkar lil Kunsilliera li nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju, 2011, fis-6:30 ta' filghaxija ser issir l-ewwel laqgha ta' dan il-kumitat.

**8 <u>Affarijiet ohra</u>**

8.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsill, li l-Avukat prezenti Dr. Neville Camilleri, lahaq magistat u ghaldaqstant ma jistax jibqa' jippratika bhala Avukat. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li tigi kkunsidrata it-tieni offerta 'l aktar vantagguza, dik ta' Dr. Alexandra Mizzi sabiex din tigi appuntata Avukata tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu

8.2 Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Il-Sinjura Miriam Grech, kunsilliera, issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-8 :15 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |